Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 43. Illum it-Tlieta, 23 ta' Settembru 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
**Offerta ghall-Provvista ta' Aluminium ghall-estensjoni ta' l-Ufficcju amministrattiv**
**Offerta ghal Provvista ta' Konkos**
**Gemellagg mal-Comune di Mathi (To)**
**Post ta' Skrivan/Skrivana mal-Kunsill**
**Affarijiet Mixxellanji**

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 348.0 Approvazzjoni tal-Minuti

348.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

348.2 Billi ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 349.0 Punti mill-Minuti

349.1 Il-Kunsillier David Battistino informa li se johrog l-istedina liz-zghazagh dwar il-Kumitat taz-zghazagh biex issir laqgha maghhom nhar it-Tnejn, 6 ta' Ottubru. Huwa nforma li diga ltaqa' ma' zewg persuni li urew interess f'dan il-Kumitat.

349.2 Is-Sindku se jaghmel l-arrangamenti necessarji biex issir tinda ghall-Berga ta' l-iskola, bhala lqugh mix-xita. Se tinkiteb ittra lill-Principal ta' l-iskola f'dan ir-rigward.

349.3 Il-Kunsill innota li l-iskola Primarja qed titmexxa mis-Surmast Dr. Marcelle Degabriele.

### 350.0 Korrispondenza

350.1 IL-Kunsill se jigbor stimi ghal liquid membrane ghal bejt ta' l-ufficcju amministrattiv.

350.2 Il-Kunsill qabel li din is-sena l-injezzjoni kontra l-Influwenza tinghata minn ufficjali tal-kumpanija Novitas.

## 351.0 Komunikazzjonijiet

351.1 Is-Sindku nforma li s-Sinjorina Romina Sciberras, li kienet impjegata bhala clerk mal-Kunsill, minn Lulju, tat ir-rizenja taghha peress li ddecidiet li tkompli bl-istudji taghha. Is-Sindku ppropona li jerga' jibda l-process biex tigi mpjegata persuna gdida mal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Intervisti jibdew minn nhar il-25 ta' Settembru.

351.2 Is-Sindku nforma li kellu laqgha ma persuna li applika ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar dwar tqeghid ta' hamrija f'Xaghra u li ghaliha kien oggezzjona l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jzomm l-istess posizzjoni f'dan ir-rigward, peress li hamrija m'ghandiex titpogga f'art xaghri.

351.3 Is-Sindku, ssekondat mill-Kunsillier David Battistino ghaddha mozzjoni biex tigi rtirata s-shubija mal-Gal iffurmat mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, biex il-Kunsill jissieheb mal-Majjistral Action Group, biex flimkien mal-Kunsilli tal-Majjistral japplika ghal fondi tal-programm ta' l-Unjoni Ewropeja Leader. Il-Kunsill qabel unanimament u ghalhekk kien hemm qbil li tintbaghat ittra biex tigi rtirata s-shubija ma' l-AKL.

## 352.0 Tender ghall-Provvista ta' Konkos

352.1 Is-Sindku stieden lill-Perit Stanley Cortis, mill-kumpanija EMDP, li kien prezenti ghal-laqgha biex jispjega r-rapport ta' evalwazzjoni li thejja dwar din it-Tender. Il-Perit qal li mill-erba' sottomissjonijiet, l-orhos offerta kienet dik tal-kumpanija Denfar Ltd. u t-tieni kienet il-kumpanija Zrar Ltd. Huwa kompla li peress li l-kumpanija Denfar ghandha xoghol ta' subcontracting, ma ghandiex tigi kkunsidrata l-offerta tieghu, ghalhekk irrakkomanda li tinghazel it-tieni l-orhos offerta li kienet ta' Zrar Ltd.

352.2 Is-Sindku ddikjara li ghandu interess familjari mal-kumpanija Ballut Blocks Ltd. u ghalhekk ma ppartecipax fid-diskusssjoni.

352.3 Il Vici Sindku ghaddha mozzjoni biex fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-Perit, tinghazel l-offerta ta' Zrar Ltd. Il-Kunsilliera prezenti, hlief ghal Kunsillier David Battistino li astjena, qablu li tinghazel l-offerta tal-kumpanija Zrar.

## 353.0 Tender ghall-Provvista ta' Aluminium

353.1 Is-Sindku rega' stieden lill-Perit Stanley Cortis, mill-kumpanija EMDP, biex jispjega r-rapport ta' evalwazzjoni li thejja dwar din it-Tender.

353.2 Is-Sindku ddikjara li ghandu interess familjari mal-kumpanija Framegrip Ltd. u ghalhekk ma ppartecipax fid-diskusssjoni.

353.3 Il-Perit informa li mill-evalwazzjoni li saret il-kumpanija Alucare ssottomettiet alternattiva ghall-Item principali tat-tender, jigifieri tal-hgieg tal-faccata tal-Kunsill, li kellu jkun mahdum fit-tond. Iz-zewg kuntratturi l-ohra ssottomettew il-prezz taghhom ghal dan l-Item.

353.4 Il-Perit qal li meta tnehhi dan l-Item mit-Tender l-offerta ta' Alucare Mosta Ltd. xorta tibqa' l-orhos offerta, li huwa sostna li kienet orhos mill-offerta li kien ipprepara l-Perit.

353.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u kien hemm qbil li l-Perit jitlob dikjarazzjoni dwar dan l-Item minn kull kuntrattur biex tkun tista' tittiehed decizjoni finali f'laqgha segwenti.

**354.0 Gemellagg mal-Comune di Mathi**

354.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni dwar is-suggett fejn gie diskuss il-Gemellagg li sar mal-lokalita ta' Mathi f'Torin. Huwa qal li l-Kunsill kien milqugh b'ospitalita kbira. Huwa kompla li apprezza hafna l-prezenza tal-Onor. Konslu Dr. Giuseppe Bilotta f'dan l-avveniment f'Mathi.

354.2 Il-Kunsillier Battistino semma l-fatt li waqt iz-zjara saru laqghat ma' gruppi kulturali, il-banda tal-lokalita u grupp folk fejn gew diskussi attivitajiet li jistghu isiru fl-Imgarr. Huwa ppropona li fid-dawl ta' dan il-Gemellagg, it-tabelli tal-lokalita jirriflettu dan il-ftehim. Il-Kunsill qabel.

**355.0 Affarijiet Mixxellanji**

355.1 Il-Kunsill qabel li jhejji Bye Law, ghad-dhul fis-silos tal-Palma.

355.2 Il-Kunsill se jigbor stimi ghall-pubblikazzjoni tal-Migbha.

355.3 Il-Kunsillier David Battistino ssuggerixxa li ssir zebgha mal-bankina ta' Triq Sir Temi Zammit, fejn tinsab il-Pelican Crossing.

355.4 Il-Kunsill innota li l-Ispettur Robert Vella li kien imexxi d-Distrett inkluz l-Imgarr inghata trasferiment mill-ghassa tal-Mosta. Dan kien ta' dispjacir kbir ghall-Kunsill meta wiehed iqis ir-relazzjoni tajba li nbniet bejn il-Kunsill u l-pulizija. Se tinkiteb ittra f'dan ir-rigward lill-Kummissarju tal-Pulizija.

355.5 Il-Kunsill innota li Fr. Joe Fsadni gie fi tmiem il-kariga ta' Kappillan fl-Imgarr, peress li qabel li jmur jaghti s-sehem tieghu fl-Izrael, filwaqt li gie assenjat il-Kappillan Dun Anton Borg. Il-Kunsill se jibghat ittra ta' awgurju lil Dun Anton. Il-Kunsill se jippartecipa fil-quddiesa ta' ringrazzjament li se ssir nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru.

355.6 Il-Vici Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda ta' hlasijiet bejn is-27 ta' Awissu sa nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2008. Il-Kunsillier Victoria Sammut issekondat. Il-Kunsill approva l-hlasijiet.

355.7 Il-laqgha giet aggornata ghal nhar l-Erbgha, 1 ta' Ottubru 2008, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku